MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 67/2004

**Building & Management Services Limited**

**vs**

**Anthony u Mary Anne konjugi Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta’ Frar tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM3,441.55,0), ammont rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala hlas ta’ xoghlijiet ta’ struttura, dekorazzjoni u riparazzjoni,

maghmula fuq inkarigu tal-konvenuti, flimkien ma' materjal supplit in konnessjoni ma' l-istess, gewwa l-fond 37D, 'Scibu', Triq Ghar id-Dud, Sliema, u dan kif debitament jirrizulta mir-rendikont relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, liema hlas baqa' ma sarx, minkejja interpellazzjonijiet lilhom maghmula u minkejja pagament ta' tlett elef hames mija u tlieta u disghin Lira Maltin, (LM3,593.00,0), minnhom maghmul akkont ta' l-ammont totali dovut;

2. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-13 ta' Marzu tas-sena 2003, u interessi legali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici;

2. Illi fil-fatt il-bilanc mitlub ma huwiex dovut u dan kif ser jirrizulta tul is-smiegh tal-kawza;

3. Illi x-xoghol ma twettaqx ghas-sodisfazzjon tal-konvenuti, fi kwalunkwe kaz ix-xoghlijiet ma sarux fil-hin pattwit u fil-fatt il-kumpanija attrici abbandunat ix-xoghol meta x-xoghlijiet kienu ghadhom ma tlstewx bil-konsegwenza li l-konvenuti kellhom jimpjegaw lil terzi biex jikkompletaw ix-xoghol;

4. Illi s-socjeta' attrici ma wettqitx l-obbligi taghha kif kienet marbuta li taghmel;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-impjegati tas-socjeta' attrici ghamlu diversi hsarat fil-proprjeta' tal-konvenuti u dawn ghandhom l-ewwel nett, u bla pregudizzju ghall-valur shih tad-danni, jitnaqqsu mill-kont;

6. Illi bil-prezenti l-eccipjenti jirriservaw id-dritt li jipprocedu ulterjorment kontra s-socjeta' attrici ghad-danni lilhom ikkawzati;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fuq struzzjonijiet tal-konvenuti is-socjeta' attrici ezegwiet xoghlijiet konsistenti fi brix, tikhil u tibjid fir-residenza ta' l-istess konvenuti;

2. Illi dan l-inkarigu nghata lis-socjeta' attrici wara li din kienet preventivament effettwat analizi tax-xoghlijiet mehtiega u baghtet stima ta' l-istess lill-konvenuti li accettawha wara li dawn analizzaw l-istess mal-perit taghhom;

3. Illi kien specifikat li x-xoghlijiet kellhom ikunu terminati fi zmien tmien (8) gimghat;

4. Illi effettivament ix-xoghlijiet gew debitament konkluzi entro t-terminu pattwit u dan, nonostante l-fatt li fil-kors tax-xoghlijiet, fuq insistenza tal-konvenuta, ix-xoghlijiet pattwiti zdiedu b'hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%);

5. Illi peress li l-konvenuti kienu baqghu jirrisjedu fil-fond fejn kien qed isir ix-xoghol, l-istess xoghol

kien ippjanifikat b'mod li johloq l-anqas inkonvenjenza possibbli lill-konvenuti;

6. Illi fuq insistenza tal-konvenuta, l-istess socjeta' attrici kienet tkun kostretta titlaq u twaqqaf ix-xoghol mal-hdax ta' fil-ghodu u ma jibdewx jahdmu kmieni;

7. Illi x-xoghlijiet kienu jsiru taht l-istruzzjonijiet ta' "supervisor" u ta' perit ta' l-istess socjeta' attrici;

8. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, kif suddiviz fid-dokument "A" a fol 7, ghadu ma giex saldat mill-konvenuti u ghalhekk, l-istess socjeta' kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, l-konvenuti qed joggezzjonaw li jaghmlu tajjeb ghal dan ghaliex:

1. Il-bilanc mitlub mhux dovut;

2. Ix-xoghlijiet ezegwiti:

a. ma sarux ghas-sodisfazzjoni tal-konvenuti;

b. ma sarux fil-hin pattwit;

c. kienu kagun ta' diversi hsarat fil-fond de quo;

3. Is-socjeta' attrici abbandunat ix-xoghol;

Ikkunsidrat:

Illi kuntrarju ghall-posizzjoni tas-socjeta' attrici li pprovat l-allegazzjonijiet taghha b'dokumentazzjoni appozita u b'certifikati minn periti arkiretti, il-pozizzjoni tal-konvenuti tistrieh biss fuq allegazzjonijiet mhux sostanzjati;

Illi x-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' attrici gew regolarment suffragati minn perit indipendenti;

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici ssostni li xorta lahqet ix-xoghol fil-perjodu pattwit, pero' l-konvenuta kienet ziedet l-ammont konsiderevolment;

Illi n-nuqqasijiet li jistghu jirrizultaw fix-xoghlijiet esegwiti tant jirrizultaw de minimis li juru biss li l-konvenuti qed jippruvaw iqabbdu difrejhom biex jezimu ruhhom mir-responsabbilita' morali li jhallsu kif dovut;

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati u takkolji t-talbiet attrici;

Illi konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Anthony u Mary Ann konjugi Busuttil biex ihallsu lis-socjeta' attrici Building & Management Services Limited l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM3,441.55,0), ammont rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut lill-istess socjeta' attrici bhala hlas ta' xoghlijiet ta' struttura, dekorazzjoni u riparazzjoni, ezegwiti fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti fuq indikati, flimkien ma' materjal supplit in konnessjoni ma' l-istess, gewwa l-fond 37D, "Scibu", Triq Ghar id-Dud, Tas-Sliema, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mill-ittra ufficcjali tat-13 ta' Marzu tas-sena 2003.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------